**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta 24 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 56/2023 SFJ**

**ADRIAN CASHA (K.I. 416868M)**

**vs.**

**MONICA IOANA PRODEA (K.I. 266672 A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu l- attur espona u talab is-segwenti:

- *"Illi l-attur kien kera l-fond 1B Saint Nicholas, Triq il-Weigh, Flat 2, Il-Mosta, lill-konvenuta u dana kif jirriżulta mill-kopja annessa tal-ftehim t'allokazzjoni;*

- *Illi l-konvenut telqet mill-fond mikri u naqset meta hekk mitluba permezz kemm ta' ittra bonarja datata 10 ta' Marzu 2022 u ittra uffiċjali datat 7 ta' Lulju 2022, l-arretrati ta' elf, mitejn u ħamsa w ħamsin ewro (Eur 1,255) kif ukoll l-ammont ta' tmien mija u wieħed ewro u erbgħa w ħamsin ċenteżmu (Eur 801.54), bħala ammont dovut għall-konsum ta' dawl u ilma kif ukoll ammont ta' mitt ewro (Eur 100) għat-tindif tal-fond, skont il-provvedimenti tal-ftehim t'allokazzjoni;*

- *Illi minkejja li ġiet interpellata sabiex tagħmel il-ħlas relattiv, kemm permezz tal-ittra uffiċjali datata 7 ta' Lulju 2022 u preċedentement, permezz ta' ittra bonarja datata 10 ta' Marzu 2022, hija naqset milli tagħmel dan u għalhekk kellah ssir din il-kawża;*
- *Bl-ispejjes u bl-interessi, mid-data tal-ittra uffiċjali, skont il-Liġi, sad-data tal-pagament effettiv".*

**It-Tribunal sema' l-provi w ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentatha w ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2023.**

## Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

L-ewwel nett, it-Tribunal josserva illi a fol 15, l-intimata ġiet notifikata fl-20 ta' Marzu 2023 u saħansitra ppreżentat ir-risposta tagħha nhar l-4 ta' April 2023, li tinstab a fol 16 ta' dan il-proċess. Dan qed jiġi enfasizzat minħabba l-fatt illi meta l-attur ippreżenta bħala xhud lil Eleonor Vella D'Amato, in rappreżentanza tal-Agenzija Identita' Malta,u li skont l-Aġenzija Identita' Malta, l-indirizz tal-intimata kien 163, Agius, Flat 1, Triq il-Waqqafa, Mosta. Dan, saħansitra pprezenta anki kopja tas-sistema fejn dan l-indirizz huwa ndikat bħala l-indirizz preżenti u cioe', sas-26 ta' Settembru 2023, tal-konvenuta.

Iżda t-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu tan-notifika peress illi hu konvint illi l-intimata ġiet notifikata għax kieku ma kenitx tippreżenta r-risposta tagħha.

It-Tribunal ra illi fis-seduta tal-21 ta Marzu 2023, infatti, dan ġie ddikjarat u nfatti l-kawża kienet diferita għar-risposta tal-konvenuta, għall-25 ta' April 2023.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, kien deher Dr. Ian Micallef għall-attur, kif ukoll Dr. Jacob Portelli għall-intimata. L-attur dakhinar ippreżenta Affidavit, li kien ġie mmarkat DOK AC 1, ta' Adrian Casha, fejn hu spjega l-fatti kollha tal-każ. Il-kawża, mbagħad, ġiet diferita għal aktar provi tal-attur, għas-6 ta' Ġunju 2023.

Illi, fis-6 ta' Ġunju 2023, meta ssejħet il-kawża, deher l-istess attur, assistit mill-avukat Dr. Ian Micallef, u l-konvenuta, hekk imsejjħa diversi drabi u baqgħet ma dehritx.

Dakhinar xehed Matthew Vassallo bħala rappreżentant tal-Automated Revenue Management Services Limited (ARMS), fejn taħt ġurament, ukoll, ippreżenta sett ta' invoices immarkat kumplessivament bħala DOK MV 1 u ppreżenta wkoll statement, immarkat bħala DOK MV 2 u payment list immarkat bħala DOK MV3. Sarulu wkoll, in eżami, mistoqsijiet mill-avukat tal-attur.

Xehed ukoll Andrew Xuereb, bħala rappreżentant tal-Awtorita' tad-djar, in eżami, bil-Malti, li hu wkoll, taħt ġurament, ippreżenta l-ftehim immarkat bħala DOK AX 1 u ppreżenta wkoll l-inventarju mmarkat bħala DOK AX 2, kif ukoll ippreżenta kopja tat-terminazzjoni, immarkata bħala DOK AX 3. Dan ukoll sarulu mistoqsijiet in eżami mill-avukat tal-attur.

Xehed ukoll, dakhinar, Mark Zammit Lupi, bħala rappreżentant ta' Doudall Holdings (QL Limited), in eżami, taħt ġurament.

Il-kawża, mbagħad, ġiet diferita għall-għeluq tal-provi, għas-26 ta'Settembru 2023.

Aktar tard f'din is-seduta, kien deher Dr. Jacob Portelli, li kien informa lit-Tribunal li kien qed jirrinunzja għall-patroċinju tal-konvenuta u li skont hu hemm ċans illi l-istess konvenuta ma tinsabx f'Malta. Dan ġie ukoll ivverifikat permezz ta' nota li ppreżenta l-istess avukat Daniel Portelli sabiex jerġa' jinforma lit-Tribunal illi kien irrinunzja għall-patroċinju tal-konvenuta. Din l-istess nota kienet piet preżentata fl-10 ta' Ottubru 2023.

Illi fis-26 ta' Settembru 2023, kien deher Louis Buhagiar bħala rappreżentant tal-JobsPlus, fejn dan ippreżenta wkoll l-employment history tal-konvenuta, immarkata bħala DOK LB 1. Dehret ukoll Eleonor Vella D'Amata, bħala rappreżentanta ta' Identity Malta, li ppreżentat DOK IDM 1, li jindika l-indirizz li hemm fis-sistema tal-Identity Malta, illum Identita'.

It-Tribunal osserva illi ġiet preżentata, mal-avviż, l-ittra uffiċjali li ntagħtet taħt il-Kap 166A, fid-29 ta' Marzu 2023, li tindika l-ispejjes inkorsi f'din l-istess ittra.

Illi l-kawża kienet ġiet diferita għall-10 ta' Ottubru 2023, għall-provi kollha tal-konvenuta. Illi meta ssejħet il-kawża, fl-10 ta' Ottubru 2023, il-konvenuta ġiet imsejjħa tliet darbiet u reġgħhet ma dehritx u għalhekk ma ppreżentatx il-provi tagħha.

Illi dan it-Tribunal josserva illi ghalkemm pprezentat risposta, ma deheritx u lanqas ma ppreżentat il-provi tagħha meta ġiet mitluba biex taghmel dan, u lanqas ma bagħtet avukat ieħor sabiex tispjega n-nuqqas ta' attendenza tagħha quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal, filwaqt li rrefera għad-dokumentazzjoni estensiva u l-provi estensivi wkoll illi saru min-naħa tal-attur, u fela sew id-dokumenti kif ukoll ix-xhieda kollha li ngħatat mill-attur, ma ssibx diffikulta' illi tikkonkludi illi l-attur jimmerita li jitħallas dak kollu pretiż fl-Avviż tat-talba.

It-Tribunal josserva wkoll illi l-konvenuta kienet anki ġiet notifikata permezz tal-proċedura tal-Kapitolu 166A, fejn kienet ukoll użat l-istess avukat illi primarjament kien deher quddiem dan it-Tribunal.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u konsegwentement jikkundanna, mela, lill-konvenut sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u ħamsa w ħamsin Ewro (Eur 1,255) arretri ta' kera, kif ukoll l-ammont ta' tmien mija u wieħed ewro u erbgħa w ħamsin ċenteżmu (Eur 801.54), bħala ammont dovut għall-konsum tad-dawl u ilma, kif ukoll l-ammont ta' mitt Ewro (Eur 100) għat-tindif tal-fond, skont il-provvedimenti tal-ftehim t'allokazzjoni, u għalhekk total ta'elfejn, mija u sitta w ħamsin Ewro u erbgħa w ħamsin ċenteżmu (Eur 2,156.54). Barra minn hekk, il-konvenuta għandha tħallas ukoll lill-attur l-imgħax skont il-Liġi mid-data tal-ittra uffiċjali, u cioe' s-7 ta' Lulju 2022 sad-data tal-

pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes ta' din il-proċedura, flimkien mal-ispejjes, ukoll, tal-ittra b'Kap 166A, li ġiet ukoll annessa ma' dan l-Avviż.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**